MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 1087/2006

**Maltacom Plc C2234**

**vs**

**Kidsline Limited (C25614)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf mitejn u ghaxar Liri Maltin u sebgha u tletin centezmi (LM 1,210.37) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numrui 21661065, 21661097 (AC40022663) u 21462213 (CN1041011 A/C10115198) skond dokumenti annessi.

Illi s-socjeta' konevnuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tas-socjeta' konvenuta ipprezentat minn Dr Keith Grech fit-13 ta' April, 2007.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset tikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**Av. Maria Karlsson**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------